**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2001-**

**Numru**

**Att ta' akkuza Numru 3/96**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Corunato sive Coronato Muscat u Elizabeth Bonnici**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fil-15 ta' Ottubru 1997, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti :

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 3/96 ;

Rat in-nota ta l-Avukat Generali prezentata fl-udjenza tat-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 1997, li permezz taghha huwa rtirata t-tielet kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza fil-konfront tal-akkuzat Corunato sive Coronato Muscat, kif ukoll irtira r-raba' kap fil-konfront ta' Elizabeth Bonnici ; permezz ta' l-istess nota l-isemmi Avukat Generali rriduca l-akkuza fl-imsemmi tielet kap u fil-konfront ta' Elizabeth Bonnici ghal wahda ta' pussess semplici ;

Semghet l-ammissjoni, fl-imsemmija udjenza tat-13 ta' Ottubru, 1997, kemm ta' Corunato sive Coronato Muscat, kif ukoll ta' Elizabeth Bonnici ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom fl-Att ta' Akkuza nru. 3?96 kif modifikat bl-imsmmija nota ta' l-Avukat Generali, f'liema ammissjoni huma ppersistew anke wara li gew imwissija bil-mod rikjest fl-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni taghhom u nghataw zmien biex jahsbuha u jekk iridu jergghu lura minnha ;

Tiddikjara lill-imsemmi Corunata sive Coronato muscat hati tali kkoltiva l-pjanta Cannabis, b'dan li r-reat sar gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' centru taz-zaghzagh, u b'dan ukoll li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti bi ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta; Akkuza ; tiddikjarah ukoll hati talli mprota, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis) f'Malta bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, udan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza ; tiddikjara lil Elizabeth Bonnici hatja talli kellha fil-pussess taghha l-pjanta Cananbis, kollha jew bicca minnhs, bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tielet kap tal-istess Att ta' Akkuza ;

Semghet lill-Avukati Dott. Joseph Giglio u Dott. Jose' Herrera ghall-hatja u lill-Avukat tar-Repubblika Anzat Dott. Mark Said ghall-Prosekuzzjoni ; semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza ghall-finijiet tal-piena ; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz,inkluzi l-kwantita' ta' pjanti nvoluti, z-zmien li z-zewg hatjin ghamlu taht arrest preventiv, il-fedini penali rispettivi taghhom ; hadet in konsiderazzjoni wkoll il-lini gwida minna stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar 1997, fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni ; kkunsidrat ghar-rigward tat-talba maghmula mill-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-hati Muscat, u cioe' t-talba sabiex din il-Qorti tahtar ufficjal tal-probation sabiex ihejji rapport dwar l-imsemmi hati, li f'dan il-kaz il-Qorti ma tara ebda htiega ta' rapport simili, u ghalhekk qed tichad l-istess talba ;
Rat fil-konfront tal-hati Corunato sive Coronato Muscat l-Artikoli 2, 8(c), 14, 22(1)(a) (1B) (2)(a)(I) tieni proviso (3) (3A) (9) u 22A tal-Kap 101 (ghall-finijiet tat-tieni kap il-ligi applikabbli hi dik ta' qabel l-emendi introdotti bl-Att VI ta' l-1994), u fil-konfront tal-hatja Elizabeth Bonnici l-Artikoli 8(a), 22 (1)(a)(2)(a)(ii) u 22A tal-Kap 101, kif ukoll l-Artikoli 11, 17, 18, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Tikkundanna lill-imsemmi Corunato sive Coronato Muscat ghall-piena ta' tmien (8) snin prigunerija mil-lum kif ukoll ghal multa ta' hdax-il elf lira (Lm11,000) konvertibbli f'sena prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' hlas skondil-ligi ; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli ohra, u tal-proprjeta' immobbli kollha, tal-istess Corunato sive Coronato Muscat, ukoll jekk il-proprjeta' immobbli, minn meta hu gie akkuzat, ghaddiet ghand terzi persuni ; fl-ahhar nett tikkundannah ihallas lir-Registratur erba' minn kull hames parti tal-ispejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri u tirriserva li taghmel l-ordni relattiv skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali wara li jigi ndikat lill-Qorti mir-Registratur l-ammont komplessiv ta' dawn l-ispejjez ; tikkundanna lill-imsemmija Elizabeth Bonnici ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija mil-lum kif ukoll ghal multa ta' sitt elef lira (Lm6,000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi ; u tikkundanna lill-imsemmija Elizabeth Bonnici thallas lir-Registratur kwint tal-ispejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u tirriserva li taghmel l-ordni relattiv skond l-Artikolu 533 tal-Kodici

Kriminali wara li jigi ndikat lill-Qorti mir-Registratur l-ammont komplessiv ta' dawn l-ispejjez ; tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati hawn aktar 'l fuq imsemmija, u f'kaz li ghad hemm medicina perikoluza ezebita f'dawn l-atti din ghandha tigi distrutta mir-Registratur, okkorendo bl-assitenza ta' Dott. Anthony Abela Medici, mhux aktar tard minn gimghatejn mil-lum kemm-il darba xi wahda mill-partijiet ma tindikax fi zmien jumejn mil-lum li tali medicina perikoluza hi mehtiega in konnessjoni ma' proceduri fl-appell jew proceduri ohra ; r-Registratur ghandu jidderigi procex-verbal li jiddelinea l-process ta' distruzzjoni tal-medicina u jipprezenta tali proces-veral fl-atti ta' din il-kawza."

Mill-istess sentenza appellaw iz-zewg akkuzati ddikjarati hatja, u cioe', Elizabeth Bonnici permezz ta' rikors tal-appell prezentat fis-16 ta' Ottubru 1997 u Corunato sive Coronato Muscat permezz ta' rikors separat prezentat fl-4 ta' Novembru 1997.

Bir-rikors taghha tal-appell Elizabeth Bonnici qeghda titlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha f'dik il-parti li tikkoncerna sia' l-piena ta' karcerazzjoni kif ukoll dik il-parti li tikkuncerna l-multa inflitta fuqha u l-konfiska ordnata u timponi minflok piena alternattiva ghal dik karcerarja jew alternittivament tordna li l-perijodu ta' inkarcerazzjoni jigi sospiz a tenur tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 u tnaqqas l-ammont tal-multa inflitta fuqha.

Minn naha tieghu Corunata sive Coronato Muscat permezz tar-rikors tal-appell tieghu qed jitlob illi din il-Qorti ghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, tirrevokaha fejn ordnat il-konfiska ta' hwejgu kollha u tirriformaha billi tirriduci l-piena inflitta fuqu.

Ser jigi trattat l-ewwel l-appell ta' Corunato Muscat.

Huwa jissottometti illi, il-minimu li seta' jehel, konsidrata l-ammissjoni tieghu, kien ta' sitt snin prigunerija. Fic-cirkustanzi li ser jissemmew hu jsostni li kien il-kaz li l-piena tieghu tigi ridotta ghall-minimu u dana minhabba fis-segwenti :-

(1) Huwa kkoopera b'mod assolut mal-Pulizija sa' mill-bidu nett.

(2) Hsara ma lahqet saret lil hadd ; infatti dik il-parti li tikkoncerna t-traffikar giet effettivament irtirata mill-Avukat Generali.

(3) Il-fedina penali tieghu hija wahda tajba.

(4) Huwa ammetta l-akkuza dedotti kontra tieghu u ghalhekk kellu japplika l-principju tal-kawza "Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi".

L-appellant inoltre jissottometti lill-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex ghalfejn tikkonfiska favur il-Gvern kull flejjes u proprjeta' mobbli ohra u ta' proprjeta' immobbli tieghu. Dan minhabba li biex isir dan, il-Qorti riedet tkun konvinta li dawn kienu naxxenti minn traffikar tad-droga. Fil-fatt il-Qorti qatt ma setghet waslet ghal tali konkluzjoni u dan peress illi traffikar ta' droga qatt ma sar u jidher ukoll li l-istess Avukat Generali kien tal-istess opinjoni.

Issa in kwantu jirrigwarda r-reklam tal-appellant illi l-piena tieghu kellha tigi ridotta ghal minimu (sitt snin) minhabba c-cirkustanzi specjali li ssemmew aktar 'il fuq, issir riferenza ghal parti tas-sentenza appellata fejn jinghad x'hadet in kunsiderazzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti qabel waslet ghall-piena u cioe' : ic-cirkustanzi kollha tal-kaz, il-kwantita' ta' pjanti nvoluti, z-zmien li l-hati cioe' l-appellant, ghamel taht arrest preventiv, il-fedina penali tieghu, kif ukoll il-fatt illi ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih. Jigifieri, qieghed jinghad illi, una volta dawn il-kunsiderazzjonijiet diga' ttiehdu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u mhux gew injorati minnha, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tikkreditah b'aktar vantaggi minn dawk illi evidentement l-ewwel Qorti ddecidiet illi takkorda.

Fil-fehma tal-Qorti fir-rigward tal-appell ta' Coronato Muscat jibqa' biss zewg aspetti u li ser jigu trattati wara xulxin.

L-ewwel aspett huwa x'kien il-minimu applikabbli fil-kaz tieghu peress illi huwa qieghed isostni li kien inqas minn dak illi jidher li konsidrat l-ewwel Onorabbli Qorti.

Jirrizulta illi l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza fil-konfront ta' Coronato Muscat kien ta' kultivazzjoni ta' pjanti tal-Cannabis li, kif ammess minnu stess, jirrisali ghal Marzu tan-1994, jigifieri, wara illi gie approvat mill-Parlament l-Att numru VI ta' dik is-sena li emenda l-Kap 101. Bl-emendi tan-1994 imsemmija (artikolu 11), il-piena ghal min jinstab hati ta' koltivar, bhal f'dan il-kaz, kienet giet iffissata ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas ta' erba' snin izda mhux izjed minn ghoxrin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltin izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltin. Inoltre, meta persuna tinstab hekk hatja, l-oggetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jigu konfiskati favur il-Gvern u kull oggett hekk konfiskat ghandu, jekk il-Qorti hekk tordna, jigi distrutt jew isir minnu xorta ohra kif jigi provdut fl-ordni relattiva. Pero', fil-kaz tal-appellant gie invokat it-tieni proviso ta' dan is-sub-artikolu kif introdott bl-istess emendi tan-1994 u li jipprovdi illi meta persuna tinstab hatja bhalu u r-reat ikun sar, gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru ta' zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh, l-piena tizdied bi grad. L-appellant ammetta illi din il-koltivazzjoni fit-termini tal-ewwel att tal-kap tal-akkuza saret gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' centru taz-zaghzagh. Huwa ammetta wkoll incidentalment li dan ir-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti bi ksur tal-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ; cioe', ammetta r-reat kontinwat kif addebitat lilu, bil-konsegwenzi s'intendi ghal dik li hija piena. L-istess kellu japplika wkoll is-sub-artikolu 3 tal-artikolu 22 tal-Kap 101 kif kien wara l-emendi tan-1994 u cioe', li kien jirrikjedi illi meta, bhal f'dan il-kaz, ir-reat ikollu x'jaqsam mal-koltivazzjoni ta' pjanta f'ghalqa, gnien jew xi post iehor bhal dan, il-Qorti ghandha b'zieda ma' kull piena ohra

tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-proprjeta' kollha immobbli li fiha jkun sar ir-reat kif deskritt fl-Att tal-Akkuza jew fl-akkuza. Din il-Qorti mhix daqstant konvinta li kien japplika wkoll is-sub-artikolu 3(a) (b) (c) (d) tal-istess artikolu tal-Kap 101 kif kien wara l-emendi tan-1994 'il ghaliex, kif sewwa gie sottomess, l-akkuza ta' traffikar giet irtirata mill-prosekuzzjoni u allura ma tarax sens din il-Qorti illi tikkonkludi li kien hemm traffikar xorta wahda minhabba ragunijiet ta' definizjoni meta l-akkuza "ut sic" tinsab irtirata. Pero', in effetti, din mhux ser tbiddel xejn 'il ghaliex ghal dik li hi konfiska diga' hemm id-dispozizzjonijiet l-ohra illi jorbtu jdejn din il-Qorti.

Minhabba illi l-appellant sostna illi fil-kaz tieghu kien applikabbli l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, jigi osservat illi bl-emendi introdotti bl-Att VI tan-1994, la l-artikolu 21, kif anqas l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma setghu jigu applikati mill-Qorti f'kaz bhal dan. Konsegwentement, inkwantu qed tintalab l-applikazzjoni tal-artikolu 28A, cioe' li s-sentenza tigi sospiza, din il-Qorti qed tghid mill-ewwel li certament mhuwiex il-kaz li dan isir, anzi ma jistghax isir, Ghalhekk mhux qed tiehu konjizzjoni taghha ulterjorment.

Dan kollu iwassal lil din il-Qorti ghal dawn il-konkluzjonijiet : fl-ewwel lok jinghad illi r-reat bhala tali mminghajr l-aggravju tad-distanza mic-centru taz-zaghzagh kien punibbli b'minimu ta' erba' snin prigunerija u l-multa li ssemmiet. Minhabba l-aggravju tal-vicinanza ghac-centru taz-zaghzagh, il-piena tizdied bi grad u ghalhekk il-prigunerija minn erba' snin titla ghal hames snin. Imbaghad hemm l-aspett tar-reat kontinwat li, kif regolat mill-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, jimporta zieda fil-piena minn grad sa zewg gradi. Jekk jitlax grad wiehed jew zewg gradi essenzjalment jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan essenzjalment ifisser illi l-piena titla' minn sitt snin sa seba' snin.

Dana kwantu jirrigwardu l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza. Kwantu jirrigwarda t-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, din il-Qorti m'ghandix x'izzid fuq dak illi hemm fis-sentenza appellata li anki akkordat illi ma japplikawx l-emendi tal-1994 allavolja l-Att tal-Akkuza jsemmi bhala z-zmien tar-reat it-12 ta' Lulju 1994 cioe', meta l-emendi tal-Att VI ta' dik is-sena jidher li kienu diga' gew "in vigore". Din il-Qorti ma jidhrilix li fir-rigward ghandha ghalfejn toqghod taghmel komputazzjonijiet ulterjuri 'il ghaliex huwa evidenti li effettivament ikkombinati flimkien dawn iz-zewg Kapi tal-Att tal-Akkuza certament iwasslu ghall-minimu ta' tmien snin prigunerija li gew inflitti mill-ewwel Onorabbli Qorti anki jekk m'hemmx specifikat li kien qed jigi nflitt il-minimu.

Din il-Qorti ppruvat tara jekk tistax b'xi mod takkolji t-talba tal-appellant biex tirriducilu l-piena tieghu, pero', kollox, ma' kollox ma tarax illi dan huwa possibli primarjament ghax l-istess Ligi ma tippermettihx. Ghalhekk l-appell tieghu ser jigi respint u s-sentenza appellata ser tigi konfermata. S'intendi miz-zmien ta' karcerazzjoni li jrid jiskonta irid jitnaqqas il-perjodu kollu li jirrizulta li ilu issa detenut pendenti dan l-appell.

Stabbilit dan din il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-appell ta' Elizabeth Bonnici li fil-kors ta' dawn l-istanzi nghatat il-liberta' provvizorja.

Is-sottomissjonijiet tal-appellanti Bonnici huma dawn li gejjin :

(1) Illi l-piena fic-cirkustanzi kienet eccessiva tenut kont tal-fedina penali taghha, tad-deposizzjoni tal-Ispettur Antonello Grech, u fuq kollox tar-rizultanzi processwali fl-assjem taghhom, b'mod partikolari n-nuqqas assolut ta' partecipazzjoni taghha fir-reati addebitati lill-ko-akkuzat l-iehor.

(2) Illi inoltre, f'dan ir-rigward, l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-artikolu 18 tal-Kap 9 li kien kompletament inapplikabbli ghall-kaz in dizamina.

(3) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti erronjament applikat fil-konfront taghha l-artikolu 22A tal-Kap 101 meta dan l-artikolu kien kompletement inapplikabbli tenut kont tal-fatt li l-Att tal-Akkuza fil-konfront taghha gie ridott bin-nota tal-Avukat Generali tat-13 ta' Ottubru 1997 ghar-reat ta' pussess semplici. L-appellanti tissottometti illi qari anki superficjali tal-artikolu 22A tal-Kap 101 jindika li dan l-artikolu huwa applikabbli biss fil-konfront ta' persuni akkuzati b'bejgh jew bi traffikar ta' droga jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizazzjoni jew finanzjament t'assocjazzjoni taht il-paragrafu (f) tas-sub-artikolu 1 tal-artikolu 22 tal-istess Kap 101.

(4) Illi daqstant iehor huwa car illi hi ma kienet akkuzat bl-ebda wahda minn dawn ir-reati u konsegwentement l-applikazzoni tal-artikolu 22A tal-Kap 101 mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-konfront taghha kien erroneju u zbaljat.

Issa jigi precizat kif jirrizulta mill-atti u kif anki hemm fis-sentenza appellata illi r-Raba' Kap li kien addebitat ukoll lil din l-appellanti gie rtirat mill-Avukat Generali u, li l-Ewwel u t-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza ma kellhiex x'taqsam maghhom, u li t-Tielet Kap gie emendat mill-Avukat Generali biex gie jaqra li hi kienet qed tigi akkuzata biss b'pussess semplici.

Effettivament l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti Elizabeth Bonnici, fuq ammissjoni taghha stess, hatja li kellha fil-pussess taghha l-pjanta cannabis, jew kollha jew bicca minna, bi ksur tal-ligi, u dan skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

L-ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellanti Bonnici ghal piena ta' sentejn prigunerija kif ukoll ghall-multa ta' sitt elef lira Maltin konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi. Fl-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' htija u ta' piena l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet riferenza fil-kaz taghha ghall-artikoli 8 (a), 22 (1) (a) (2) (a) (ii) u 22A tal-Kap 101 kif ukoll l-artikoli 11, 17, 18, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

L-ewwel riserva li ghandha din il-Qorti hija illi almenu minn dak li hemm fis-sentenza appellata, anki jekk m'hemmx dettalji fuq dan u jista' jkun illi huwa zball tal-pinna, jidher li l-Ewwel Qorti applikat fil-konfront ta' l-appellanti Elizabeth Bonnici d-dispozizzjonijiet tar-reat kontinwat stabbiliti fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li, kif inghad aktar 'il fuq, jista' jgholli l-piena minn grad sa tnejn. Dan, pero', ma setax isir ghaliex it-Tielet Kap ma kienx qed jikkontempla r-reat kontinwat la kif koncepit originarjament u lanqas kif sussegwentement emendat mill-Avukat Generali. Fil-fehma taghha,

ghalhekk, dan biss diga' ghandu jissarraf f'riduzzjoni tal-piena anki, jekk kif inghad, jista' jkun hemm dubbju dwar jekk dan kienx sempliciment zball ta' indikazzjoni ta' artikolu aktar milli ta' applikazzjoni. Pero', din il-Qorti jidhrilha li f'materja bhal din, u in mankanza ta' provi jew ta' rimedji ohra dak li jkun ghandu jibbenefika mid-dubbju ragjonevoli li jinholoq. Hemm aspett iehor li ser jissemma. Dan minhabba illi jidher illi fil-kors ta' trattazzjoni l-prosekuzzjoni wriet illi taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li ser tissemma. Jidher infatti li kif inhija redatta s-sentenza giet komminata l-konfiska anki fir-rigward tal-appellanti. Hemm qbil bejn il-partijiet illi fil-kaz taghha kienu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap 101 kif kien qabel ma saru l-emendi bl-Att VI tan-1994. Isegwi, illi kellu japplika fir-rigward taghha artikolu 22 (1b) (a) (ii) li jipprovdi ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sena imma mhux eccedenti l-ghaxar snin u multa ta' mhux anqas minn mitejn lira Maltin u mhux aktar minn ghaxart elef lira Maltin. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif jidher li anki jaqblu l-partijiet, l-artikolu 22A tal-Kap 101ma kienx japplika ghall-kaz prezenti specjalment kif hemm riferenza ghalih fis-sentenza appellata peress illi fil-kaz ta' l-appellanti Bonnici non si trattava ta' traffikar imma ta' pussess semplici. Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti hu opportun li tigi rriformata l-piena fir-rigward tal-appellanti Bonnici fl-ewwel lok billi l-piena tal-prigunerija tigi ridotta ghal sena u dik tal-multa ghal hames mitt lira Maltin. Inoltre, certament ma kienx il-kaz li tigi komminat fil-konfront taghha xi konfiska peress li ma jidher imkien li kien hemm xi dispozizzjoni mil-ligi li kienet applikabbli ghaliha li tikkommina din.
Jigi osservat ukoll li fil-kors ta' dan l-appell saret talba li giet akkolta mill-istess appellanti biex isir *Pre-Sentence Inquiry Report.* Effettivament dan sar mill-Probation Officer Mariella Camileri li giet nominata ghal daqshekk. Ir-rapport taghha jinsab fl-atti processwali.

Il-Probation Officer irrakomandat illi din il-Qorti tikkunsidra li tikkundanna lil Elizabeth Bonnici ghal piena ta' prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u ssuggeriet ukoll li tigi annessa Ordni ta' Supervizjoni biex tifforma parti ntegrali mis-sentenza relattiva u dan skond l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

M'hemmx dubbju li f'dan il-kaz jista' jigi applikat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali minhabba dak illi inghad u cioe' li ma japplikawx ghal kaz tal-appellanti Bonnici l-emendi tan-1994 li kienu ntroducew restrizzjoni fuq din il-Qorti li tapplika s-sentenza sospiza f'kazijiet analogi.

Din il-Qorti wara li hasbet sew fuq ir-rapport imsemmi jidhrilha li hu l-kaz li taddotta r-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri u konsegwentement ser taghti l-provvediment opportun aktar tard.

Din il-Qorti, pero', wara li hadet konjizzjoni ta' kollox ma tahsibx li hu l-kaz illi tpoggi lill-istess Elizabeth Bonnici taht supervizjoni ghax jidher illi hija matura bizzejjed biex tfendi ghal rasha.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi miz-zewg appelli kif gej u cioe' :

(1) Billi kwantu jirrigwarda l-appell interpost minn Corunato sive Coronato Muscat tichad l-istess u konsegwentement tikkonferma fil-konfront tieghu s-sentenza appellata b'dan illi z-zmien illi jirrizulta illi ghamel minn meta gie kkundannat bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali sal-lum pendenti dan l-appell ghandu jitnaqqas mill-piena li jrid jiskonta skond is-sentenza appellata ;

(2) Kwantu jirrigwarda l-appell ta' Elizabeth Bonnici, illi tilqghu fis-sens illi gej u cioe' billi tirriduci l-piena tal-prigunerija inflitta kontra taghha ghal sena, cioe' tnax-il xahar, li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li jirrizulta li ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz fil-mori ta' dan l-appell sakemm inghatat il-liberta' provvizorja ; inoltre tirriduci l-multa inflitta fuqha ghal hames mitt lira Maltin (Lm 500); tirrevoka kull ordni ta' konfiska li jista' jkun hemm fis-sentenza appellata in kwantu tista' tinftiehem illi tapplika ghaliha, u wara li skond il-Ligi spjegat lill-istess appellanti li dehret li fehmet u li taccetta li jigu applikati fil-konfront taghha dispozizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna illi s-sentenza ta' prigunerija msemmija tkun sospiza ghal perjodu ta' sentejn bl-effetti kollha previsti mill-istess Kodici Kriminali f'kaz ta' kommissjoni ta' reat iehor fil-perijodu msemmi. F'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata li l-kumplament taghha qed jigi kkonfermat.

(3) Din il-Qorti fl-ahharnett tikkonferma wkoll id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti cioe', l-ordni taghha ghad-distruzzjoni tad-droga bil-modalitajiet u taht il-kundizzjonijiet illi hemm fis-sentenza appellata jekk dawn ghadhom japplikaw, cioe' jekk ghadha tezisti din id-droga u bil-konferma wkoll ta' Dr. Abela Medici fit-termini tas-sentenza appellata Ghal dawn il-fini qed tingibed l-attenzjoni tar-Registratur tal-Onorabbli Qorti Kriminali biex jiehu hsieb illi dan id-dispost tas-sentenza appellata u ta' din jigi osservat minghajr telf ta' zmien. L-istess Registratur ghandu fi zmien jumejn minn mindu tigi esegwita l-imsemmija ordni jinforma bil-miktub b'dan kemm lill-Onorabbli Qorti Kriminali kif ukoll lil din il-Qorti, liema dokument imbaghad ghandu jifforma parti integrali mill-atti tal-kawza.

Dep/Reg
mg